**FKNK**




**Informazzjoni ta' kif għandu jintela il-'Carnet de Chasse' b'mod korrett**

**Informazzjoni Generali:**

F'każ li d-dettalji tiegħek ma jaqblux ma' dawk fuq il-qoxra ta' wara tal-ktejjeb, niżżel id-dettalji t-tajbin fl-ispazju provdut fuq ġewwa tal-qoxra ta' wara tal-ktejjeb, fejn għandek ukoll tiffirma. B'hekk biss il-MEPA tkun tista tibgħatlek il-ktejjeb li jkun imiss fl-indirizz it-tajjeb tiegħek.

Kull meta toħroġ għall-kaċċa u/jew tmur tonsob għandek timla l-'Carnet de Chasse', anki jekk ma tkun qbadt xejn. L-aħjar li tagħmel hekk qabel tkun sejjer lejn id-dar mill-post fejn tkun għall-kaċċa jew qiegħed tonsob. Għalhekk ukoll żomm il-ktejjeb dejjem fuqek flimkien mall-liċenzja/i u l-Karta tal-Identita' u xi rekwiżiti oħra li jista jitlob il-gvern minn żmien għall-żmien, meta tkun għall-kaċċa jew qed tonsob.

Il-mili tal-ktejjeb għandek dejjem tibdih mill-ewwel faċċata ta' minn fejn għandu jintela, u qatt minn xi faċċata jew linja, jew kaxxa aktar il-quddiem, u meta timla xi dettalji ta' xi ġurnata qis li ma tħalli ebda kaxxa vojta minn dik il-linja tal-ġurnata.

**Mili tal-Ktejjeb**

Fil-kaxxa tal-ewwel kolonna tad-'DATA' għandha titniżżel id-data tal-ġurnata ċara kif jidher fl-eżempju.



| DATA | NUMRU TAL-KAXXA FEJN KONT GĦALL-KAĊĊA | GĦAL XIEX ĦRIĠT | IN-NUMRU ABBONAT MAL-GĦASFUR LI QBADT | QBID NUMRU |
|---|---|---|---|---|
| 10/09/11 | 100 | 1-41 | -1- | -1- |
| 10/09/11 | 175 | 1-41 | -2- | -1- |
| 11/09/11 | 100 | 1-41 | X | X |

Jekk fl-istess ġurnata tmur għall-kaċċa jew tonsob f'żewġ postijiet differenti jew aktar, uża aktar minn linja waħda bl-istess data sabiex tindika dan, u niżżel in-numri differenti tal-postijiet meta tkun qed timla l-kaxxa tat-tieni kolonna 'NUMRU TAL-KAXXA FEJN KONT QED TONSOB jew GĦALL-KAĊĊA'. Sib in-numru tal-post fejn tkun minn fuq il-mapep provduti fil-ktejjeb. Jekk tkun għall-kaċċa fuq il-baħar, f'din il-kolonna niżżel 'Baħar'. Ara l-eżempji.



| DATA | NUMRU TAL-KAXXA FEJN KONT GĦALL-KAĊĊA | GĦAL XIEX ĦRIĠT | IN-NUMRU ABBONAT MAL-GĦASFUR LI QBADT | QBID NUMRU |
|---|---|---|---|---|
| 29/10/11 | 100 | 1-41 | -3- | -1- |
| 29/10/11 | 100 | 1-41 | -4- | -2- |
| 29/10/11 | 100 | 1-41 | -5- | -4- |
| 29/10/11 | 75 | 1-41 | X | X |



| DATA | NUMRU TAL-KAXXA FEJN KONT GĦALL-KAĊĊA | GĦAL XIEX ĦRIĠT | IN-NUMRU ABBONAT MAL-GĦASFUR LI QBADT | QBID NUMRU |
|---|---|---|---|---|
| 02/10/11 | Baħar | 30-41 | X | X |
| 03/10/11 | Baħar | 30-41 | -30- | -1- |
| 03/10/11 | Baħar | 30-41 | -31- | -1- |

Kaċċa



| DATA | NUMRU TAL-KAXXA FEJN KONT GĦALL-KAĊĊA | GĦAL XIEX ĦRIĠT | IN-NUMRU ABBONAT MAL-GĦASFUR LI QBADT | QBID NUMRU |
|---|---|---|---|---|
| 10/09/11 | 100 | 1-41 | -1- | -1- |
| 10/09/11 | 175 | 1-41 | -2- | -1- |
| 11/09/11 | 100 | 1-41 | X | X |

It-tielet kolonna hija l-aktar waħda li ħolqot taħwid, u l-FKNK qed taħdem sabiex fis-snin li ġejjin din il-kolonna tiġi eliminata.
Pero għalissa l-kaċċaturi tal-art mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar l-aħjar li jagħmlu hu li jniżżlu minn numru 1 sal-41 fil-kaxxa ta'din il-kolonna.
Dawk tal-baħar mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar iniżżlu minn numru 30 sal-41.
U n-nassaba, jekk il-gvern jogħoġbu jiftaħ xi staġun, għandhom iniżżlu minn numru 1 sat-2 fil-perjodu kif kien sas-sena l-oħra mill-1 ta' Settembru sad-19 ta' Ottubru, minn numru 1 sa 3 u 7 fil-perjodu kif kien sas-sena l-oħra mill-20 sal-31 ta' Ottubru, u in-numri 3 u 7 fil-perjodu kif kien sas-sena l-oħra mill-20 ta' Ottubru sal-10 ta' Jannar.
Jekk il-gvern ukoll jogħoġbu japplika deroga biex jippermetti l-kaċċa fir-rebbiegħa allura fil-kaxxa ta'din il-kolonna għandhom jitniżżlu minn numru 1 sat-2.
Ara l-eżempji.



Insib







Rebbiegħa



Fil-kaxxa tal-kolonna 'IN-NUMRU ABBONAT MAL-GĦASFUR LI QBADT' għandu jitniżżel in-numru abbonat mal-għasfur li tkun qbadt, jekk taqbad. Jekk ma tkun qbadt xejn f'din il-kaxxa niżżel 'X'. Lista tal-għasafar li tista taqbad tinstab f'paġni 4 u 5 tal-istess ktejjeb. U jekk fl-istess ġurnata taqbad speċi differenti uża aktar minn linja waħda bl-istess data sabiex tindika dan, u niżżel in-numri differenti abbonati mall-għasafar meta tkun qed timla din il-kolonna. In-numru li tniżżel għandu jkollu '-' qablu u warajh, eżempju -1-, -2-, eċċ. Hawn ukoll hemm bżonn attenzjoni kbira f'dak li jitniżżel. Ara eżempju.




Fl-aħħar kolonna għandu jitniżżel in-numru tal-qbid. Jekk ma taqbad xejn f'din il-kolonna niżżel 'X', u jekk taqbad xi ħaġa in-numru li tniżżel għandu jkollu '-' qablu u warajh, eżempju -1-, -2-, eċċ. Ara eżempju fir-ritratt ukoll.



Meta jagħlqu l-istaġuni tal-kaċċa u l-insib għas-sena, ingassa il-bqija tal-faċċati tal-ktejjeb li jkunu vojta. Ara eżempji.

Kaċċa



Insib

